# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**Magistrat**

**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL.D. DIP. MATR. (Can.)**

**Seduta mizmuma llum, 15 ta' Jannar 2018**

**Rikors Numru: 298/07 CSH**

**Paul u Emanuela konjugi Sciberras**

**vs**

**Carmelo Mizzi u b'digriet tal-21 ta' Jannar 2008**
**gie kjamat in kawza Noel Farrugia.**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ipprezentat mill-atturi nhar is-27 ta' Settembru 2007 fejn talbu lil din il-Qorti tawtorizzhom jirrimedjaw ix-xoghol li sar mill-konvenut fuq inkarigu taghhom f'Awwissu 2005 u dan fl-ghoti tal-kontro-bejt tal-fond numru digha' (9), Casa San Giuseppe, Triq il-Milwa, Ghaxaq proprjeta' tal-atturi u fl-*expansion joints* fuq l-istess bejt u dan, wara li jigi dikjarat, illi l-konvenut huwa responsabbli ghad-danni sofferti mill-atturi minhabba xoghol hazin li sar mill-konvenut fil-fond proprjeta' tal-atturi liema xoghol ma sarx skond is-sengha u l-arti u dan skond ma jirrizulta mir-rapport peritali tal-Perit Arkitett Mario Cassar li kopja tieghu gie esebit u mmarkat bhala dok PS1 u

fin-nuqqas l-atturi jigu awtorizzati biex a spejjez tal-konvenuti jesegwixxu x-xoghlijiet rimedjali kollha mehtiega u dana kollu taht id-direzzjoni u supervizjoni ta' perit nominandi jekk ikun hemm il-htiega u taht dawk il-provedimenti xierqa u opportuni.

Illi ghal finijiet ta' kompetenza gie dikjarat illi l-istima tax-xoghol riparatorju tammonta ghal erbat elef u tmien mitt lira maltin (Lm4,800) u dan skond ma jirrizulta mic-certifikat peritali anness u markat Dok PS1.

Bl-ispejjez u bl-imghax inkluz dawk ta' l-ittra interpellatorja tal-1 ta' Dicembru 2006 kontra l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Carmelo Mizzi fejn eccepixxa s-segwenti:

*"Illi it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante illi:*

*a. Preliminarjament, l-esponenti ma ezegwix x-xoghlijiet indikati wahdu izda flimkien ma u bl-assistenza ta' certu Noel Farrugia illi stante li huwa ghandu interess fl-ezitu ta' dawn il-proceduri huwa ghandu jigi kjamat in kawza.*
*b. Illi l-azzjoni hija preskritta ai termini ta' l-**Artikolu 2153 tal-Kapitolu 16** tal-Ligijiet ta' Malta.*
c. *Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjoni precedenti u fi kwalunkwe kaz in-notifika ta' l-att gudizzjarju saret b'mod tardiv.*
*d. u ma tissodisfax ir-rekwizit ta' l-**Artikolu 2130 (1) tal-Kap 16** tal-Ligijiet ta' Malta.*

e. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost ix-xoghol mertu ta' din il-kawza gie esegwit skond id-direzzjoni u x-xewqat ta' l-attrici tant li dan huwa rifless mill-istima prodotta u mill-flus attwalment imhalsa lill-esponenti ghax-xoghlijiet rezi u dan kif ser jigi spjegat waqt it-trattazzjoni tal-kaz.*

f. *Illi kif jigi pruvat waqt is-smiegh tal-kawza l-esponenti fl-ebda hin ma kienu negligenti fl-ezekuzzjoni tal-inkarigu lilhom moghti u ezegwew l-istess skond is-sengha u l-arti u skond id-direzzjoni u xewqat ta' l-atturi.*

g. *Illi f'kaz ta' ezitu kontra l-esponenti huwa ma ghandu qatt jigi kkundannat u ordnat ihallas ghal xoghlijiet li qatt ma gew kommissjonati lilu u li qatt ma jista' jinstab hati ghal xi nuqqas u dan kif jigi pruvat f'aktar dettal waqt it-trattazzjoni tal-kaz.*

h. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*"

Rat id-digriet taghha tal-21 ta' Jannar 2008 fejn kienet laqghet it-talba tal-konvenut sabiex ikun hemm il-kjamat in kawza ta' Noel Farrugia stante li l-attur ma kellux oggezzjoni ghal tali talba.

Rat illi fit-3 ta' Gunju 2008 l-kjamat in kawza gie notifikat bir-rikors promotur u dan skond ma jirrizulta mit-timbru tal-Marixxall Connie Grech a fol. 18 tal-process cio' nonostante pero' l-kajmat in kawza ghazel li jibqa' kontumaci u ma jipprezenta l-ebda risposta tieghu.

Nhar l-10 ta' Lulju 2008 xehed il-**Perit Mario Cassar** u kkonferma r-rapport rilaxxjat minnu esebit fl-atti u mmarkat bhala Dok PS1. Ikkonferma li fuq il-post kien mar darbtejn.

In kontro-ezami nhar it-28 ta' Mejju 2009 mistoqsi jekk ghamilx xi access gewwa il-fond wiegeb li effettivament kien ghamel zewg accessi xi sentejn

qabel ma xehed. Qal li pero' dawn l-accessi kienu saru wara li kien sar ix-xoghol. Ghamel ir-rapport tieghu wara li nghata l-kontrabejt gdid.

Ikkonferma li dakinhar tal-access kien ikkonstata li kien inghata kontrabejt fuq kontrabejt gja ezistenti u dan billi sar kontrabejt gdid tal-konkos. Tenna li dan ma kienx dak li kien ordna hu jew li fil-fehma teighu kienet tkun l-ahjar soluzzjoni skond is-sengha u l-arti. Qal li kieku kien ghalih kien jordna li jinqala' l-kontrabejt li kien hemm u jitpogga wiehed iehor floku. Dan kien isir permezz ta' ftehim bejn il-partijiet skond ir-rati miftiehma bejniethom. Dan il-ftehim kien ikopri l-ispejjez li huma involuti ghall-qlugh tas-saqaf li kien hemm u *supply and lay* tal-kontrabejt il-gdid.

Ikkonferma li r-rata ta' illum ghall-kontrabejt gdid huwa ta' sitta u ghoxrin lira Maltin (Lm26) l-qasba u ghall-qlugh tal-kontrabejt l-antik biex jaqalghuh u jgorruh hemm varjazzjoni piu' o meno ta' hamsin lira (Lm50) il-qasba u naturalment imbaghad ikun hemm xi hlasijiet zejda ghall-*expansion tal-formation joints.*

Muri r-rapport rilaxxjat minnu esebit fl-atti, huwa kkonferma l-kontenut tieghu. Spjega illi l-fatt li l-attur hallas is-somma ta' tmienja u sebghin Lira (Lm78) tfisser li huwa hallas bir-rata ta' Lm29 kull qasba kwadra tax-xoghol u li ghamel il-kontrabejt il-gdid. Ir-rata li giet imhalsa mill-attur u cioe' Lm870 tfisser ir-rata ta' Lm 29 ghal kul qasba kwadra ta' xoghol li sar fuq is-saqaf gja ezistenti fuq il-kontrabejt il-gdid. Ikkonferma li l-kontrabejt il-gdid li sar kellu saqaf ta' erba' jew hames pulzieri minimi.

Izid ighid li fil-kontrabejt li sar gie eliminat l-ilma kollu li kien jinzel ghal gol bir li kien jinzel fuq wara u l-ilma hekk gie koncentrat kollu fid-drain li

hemm fl-internal yard u b'hekk meta jkun hemm hafna xita u l-katusa ma tlahhaqx, l-ilma jmur god-dar.

Sar jaf dan ghaliex il-fatt li hemm umdita' fis-saqaf u il-fatt li kienu ser ipoggu l-kontrabejt gdid kienet ha tissolva l-problema meta fil-fatt ma ssolviet xejn ghax l-umdita' fis-saqaf ghalkemm naqset drastikament, illum hemm kumplikazzjonijiet ghaliex qed jintefa' f'katusa wahda u l-ilma m'ghadux jigi mghoddi biex jghaddi ghal gol bir. Il-Perit qal li suppost kontrabejt normali ghandu jkollu ilma li jidhol ghal gol bir u mill-bir isir *overflow* ghal got triq u ghalekk ikkonkluda u qal il kif sar il-qlib tal-bejt dan sar hazin. Meta kien hemm li l-ilma jinzel kif kien qabel fil-bir u fil-katusa u jkun hemm distribution pero' fil-fatt ma sarxhekk. Ikkonferma li l-katusa li hemm fil-bitha kienet hemm qabel ma saru x-xoghlijiet.

**L-attur Paul Sciberras** ipprezenta l-affidavit tieghu nhar it-13 ta' Ottubru 2008 liema affidavit gie mmarkat bhala Dok PS1 (fol. 24). Qal li huwa jghix fil-fond tieghu numru 9, Casa San Giuseppe, Triq il-Milwa, Hal-Ghaxaq. Qal li l-kontrabejt ta' dan il-fond originarjament kien ghamlu l-konvenut stess fis-sena 1990/1991. Il-bejt kien qieghed izomm l-ilma u kienu ta' spiss jilmentaw mal-konvenut dwar dan. Fis-sena 2004 kienu inkarigaw lill-konvenut sabiex jaghmillhom kontrabejt gdid a spejjez taghhom. Tenna li l-konvenut kien mar fuq il-post u qallhom li kien ahjar li ma jaghmluhx f'dak il-perjodu minhabba l-maltemp. Ftakar li kienet riesqa l-festa tal-Madonna tal-Grazzja u l-konvenut kien tahom parir biex ix-xoghol isir f'Awwissu 2005.

F'Awwissu 2005 l-konvenut kien mar sabiex jibda bix-xoghlijiet. L-attur kien talbu sabiex jaqla' l-kontrabejt li kien hemm u jaghmlu mill-gdid b'tali

mod li l-ilma jibda jaqleb ghal gol bir. Dan kien il-ftehim mal-konvenut. Pero' minflok li l-konvenut qala' l-kontrabejt biex jaghmel iehor mill-gdid, il-konvenut hadem fuq dak li kien hemm bil-konsegwenza li l-ilma gie jaqleb 90% fil-bitha interna u l-kumplament gol bir. Qal ukoll illi l-konvenut kien qala' l-kontrabejt li kien hemm fil-gallerija u din thalliet minghajr kontrabejt b'tali mod u manjiera li biex imur fil-gallerija jkollu jinzel targa u dan kif muri fir-ritratti annessi. Il-gallerija kienet qed izomm l-ilma bir-rizultat li kull darba qieghda tittiekel il-gebla tal-hajt.

Ix-xoghol li kellu jaghmel il-konvenut kien jinvolvi wkoll il-formazzjoni ta' expansion joints fl-istess kontrabejt, liema xoghol ukoll ma sarx skond is-sengha u l-arti.

Ftakar il fit-13 ta' Dicembru 2005 kienet ghamlet maltempata kbira. L-ilma ta' fuq il-bejt inqaleb ghal gol bitha interna bil-konsegwenza li kien dahal hafna ilma fid-dar taghhom u kkawzalhom hafna hsarat fid-dar. Huwa pprova jkellem lill-konvenut bil-kelma t-tajba izda meta kien imur ghall-konvenut biex ikelmu, flimkien mal-Perit, huwa ma kkoperax maghhom. Huwa anke ssuggerixxa lill-konvenut biex igib il-Perit tieghu, izda dan m'ghamlu qatt. Qallu wkoll li kien lest li jirranga izda il-persuna li kien gab mieghu biex jaghmel ix-xoghlijiet ma riedx jilhaq ftehim. L-attur kien jghidlu illi kien inkariga lill-konvenut u ghalhekk mieghu kellu x'jaqsam. Jikkonkludi billi jghid li minhabba l-inadempjenza tal-konvenut huwa ma kellux triq ohra salv li jistitwixxi dawn il-proceduri.

In kontro-ezami l-attur qal li l-post kien ilu ghandu madwar sbatax-il sena. Jiftakar li meta kien bena l-post xi sbatax-il sena ilu kienu ghamlulu l-kontrabejt hazin u kien talab li jergghu jaghmluh a spejjez tieghu u hekk kien

sar. Il-kontrabejt rega' ghamlu l-konvenut fis-sena 2005. Id-diskors kien fis-sens illi l-bejt kellu jitqatta biex jaghmel kontrabejt gdid, pero' nonostante dan, ghamlulu wiehed fuq iehor u b'hekk ix-xoghol ta' tqattiegh ma sarx. Ftehim bil-miktub bejniethom ma kienx hemm. Huwa ma waqfux ghaliex fehem li l-konvenut jaghmel ix-xoghol skond il-ligi. Qal li ma rahx iqatta' ghalkemm ftehmu li kellu jqatta'. L-ilmijiet kienu jaqilbu nofshom ghal gol bir u nofshom ghal gol-bitha nterna. Kull m'ghandu huwa ghaxra fil-mija tal-ilma li jmur fil-bir. Kien ha l-perti fuq il-post wara li sar ix-xoghol.

**Emanuela sive Lilian Sciberras** mart l-attur kkonfermat li hija tghix ma' zewgha fil-fond numru 9, Casa San Giuseppe, Triq il-Milwa, Hal Ghaxaq u kkonfermat ix-xhieda ta' zewgha permezz ta' affidavit rilaxxjat minnha nhar il-25 ta' Settembru 2008 (fol. 27)

**Il-konvenut Karmenu Mizzi** xehed permezz ta' affidavit prezentat fl-atti nhar it-23 ta' Frar 2009 mmarkat bhala Dok CMI a fol. 40 tal-atti. Ikkonferma li l-konjugi Sciberras kienu marru jkelmuh fuq il-kwistjoni tal-bejt u qal li l-attur kien qallu sabiex jaghmel bicca ohra fuq il-bejt sabiex jaghtih il-qlib. Tenna li d-diskors ma kienx fis-sens li jsir kontrabejt ghax ma kienx jezisti izda li tigi mghotija wicc iehor fuq il-kontrabejt gja ezistenti b'mod illi jigi regolat il-qlib. Qal li kien mar fuq il-post flimkien ma' Noel Farrugia xi xahar wara sabiex jara x-xoghol. Kienu ftehmu waqt li kienu fuq il-post x'kellu jsir u kellu jinghata wicc fuq kontrabejt gja ezistenti sabiex f'nofs il-bejt tigi ffurmata speci ta' hotba illi taqsam il-bejt fi tnejn u l-ilma jigi dirett lejn il-katusi gja ezistenti. Dan ix-xoghol kellu jsir minghajr ma jigi minsus jew miksur il-kontrabejt gja ezistenti. L-istima ta' din il-bicca xoghol kienet ta' Lm860 pero' l-ammont ezatt ma jiftakrux. In effetti qal li kien Noel Farrugia li kien hadem l-istima.

Qal illi li kieku x-xoghol kellu jinvolvi l-bini u formazzjoni ta' kontrabejt bil-qlib mill-gdid, l-ammont ghal tali xoghol kien ikun ferm aktar minn dak stmat u jikkalkula tali stima kienet tlahhaq 'l fuq minn Lm2000.

Kompla jghid li f'Settembru huwa kien mar flimkien ma' Noel Farrugia fil-fond in kwistjoni sabiex jibdew ix-xoghlijiet, liema inkarigu kienu lestew f'jumejn, b'dan ili fit-tieni jum kienu sempliciment marru qasmu l-bejt u applikaw il-materjal li normalment jintuza f'tali xoghlijiet. Tenna li ghal dan ix-xoghol huma thalsu minghand l-attur is-somma ta' Lm860.

In segwitu xi sentejn wara li sar ix-xoghol l-atturi kienu inakrigaw Perit li ma jafx min kien u kien stieden lilu u lil Noel Farrugia sabiex imorru fuq il-post mieghu u dan kien fahhar ix-xoghol kif ghamluh u cioe' li ma kien hemm xejn xi tmaqdar kif kien sar ix-xoghol fuq il-bejt. Ikkonferma li x-xoghol in kwistjoni sar f'Settembru tas-sena 2004.

Spjega illi fl-ezekuzzjoni ta' dan ix-xoghol huma kienu uzaw materjal tajjeb u kienu accertaw illi c-cement fornut kien tal-kwalita' rikjesa. Qal ukoll li l-qlib tal-bjut sar kif gie dirett lilhom mill-istess sidien. Fl-ebda hin ma l-atturi ordnawlhom sabiex jaghmlu xi kontrabejt fuq xi galleriji; kulma kienu ordnawlhom kien li jaghmlu xoghol simili ghal dak li effettivament kienu ghamlu u cioe' li jaghmlu kisja hoxna ohra fuq dak li kien gja ezistenti.

Nhar it-8 ta' Lulju 2009 rega' xehed il-konvenut u kkonferma li d-dokument 'Z' hija l-ircevuta tal-flus li l-attur hareg ghax-xoghol li kien ghamel. Mistoqsi jekk thallasx aktar wiegeb li ma jiftakarx ghalkemm ftakar li kien thallas aktar minn tmien mitt Lira Maltin. Qal li fuq dak id-dokument hemm

il-firma tieghu u ddikjara li kien thallas ghas-saldu. Tenna li fuq il-katusa li kellu l-attur kien sahansitra anke ghamel qoxra kif mitlub. Ikkonferma li huwa ghandu s-sengha ta' bennej u ilu tletin sena f'dan it-tip ta' xoghol pero' kontrabejt fuq kontrabejt qal li qatt ma ghamel. Izda huwa ghamel dan ix-xoghol ghaliex ma dehrlux li kellu jikkontradixxi lill-attur.

Rat illi l-partijiet talbu n-nomina ta' Perit Tekniku stante il-hila specjali rikjesta sabiex jigi stabbilit jekk ix-xoghol il ghamel il-konvenut kienx skond is-sengha u l-arti u nhar it-14 ta' April 2010 il-Qorti nnominat lil Perit Simon Saliba sabiex jiehu konjizzjoni tal-fatti u jirrelata dwar dak li jirrizultalu.

**Il-Perit Simon Saliba,** xehed nhar it-**30 ta' Marzu 2011 u** pprezenta ir-rapport tieghi maghmul ai fini tad-digriet ta' din il-Qorti liema rapport gie mmarkat mill-Qorti bhala Dokument 'SS'.

Illi fir-rapport tieghu, il-Perit ikkonkluda illi:

a. "*Sabiex ma jibqax jidhol l-ilma fil-qoxra ezistenti u l-kontrabejt il-qadim jigi applikat 'membrane water proofing' fuq il-wicc . L-esponenti jistma dan ix-xoghol kollu bil-prezz ta' llum ghal madwar Euro 1,200 inkluz l-VAT.*
b. *Sabiex il-qlib ta' dan il-bejt jitfa' ghal gewwa l-bitha ta' wara jkun hemm bzonn li tinqala' kemm il-qoxra u kontrabejt l-antik. Dan sabeix it-torba tkun tista' tigi invellata bi qlib ghal gol bitha ta' wara fejn hemm il-bir. Wara li t-torba tigi invellata tinghata qoxra tal-konkos ta' erba' pulizieri bhala wicc tal-bejt li jinkludi 'power float finish' u 'expansion joints'. L-esponenti jistma dan ix-xoghol kollu bil-prezz ta' illum ghal madwar Euro 9,000 inkluz l-VAT.*

Nhar il-5 ta' Ottubru 2011 xehed **il-<u>Perit Simon Saliba</u>** in eskussjoni u spjega illi huwa ta' zewg konkluzjonijiet fir-rapport tieghu ghaliex fil-kontrabejt li ezamina kien hemm zewg problemi - wiehed minnhom li l-ilma mhux qed jaqleb ghal gol-bitha ta' wara u l-ohra li l-ilma ta' taht il-kontrabejt kien qed jippenetra ghal gos-*sitting room* u fl-entrata u jikkreja l-umdita' f'dawn il-kmamar. Spjega ghalhekk li jekk jigi applikat l-option 'A' fir-rapport tieghu tigi indirizzata it-tieni problema u cioe' li l-ilma ma jippenetrax gewwa pero' l-ewwel problema tal-qlib mhux ser tigi solvuta. Jekk isir membraine iehor il-problema tal-qlib tibqa' hemm. Issa jekk jigi applikat l-option B li semma fir-rapport tieghu, iz-zewg problemi jigu solvuti u cioe' jrid jinqala' il-kontrabejt ezistenti u t-torba tigi nvelatta biex ikun hemm qlib kif suppost u cioe' ghal gol-bitha ta' wara fejn hemm il-bir u jerga' jinghata il-konkos u sussegwentement jpoggi l-membraine, pero' dan huwa optional.

Spjega illi jekk il-kontrabejt isir sew, bil-qlib kif suppost ma hemmx ghalfejn isir membraine ghax ikun hemm il-qsim tal-*expansion joint* u ghalhekk fic-cirkostanzi, is-soluzzjoni B hija dik idejali ghax tolqot zewg problemi. Dana naturalment jekk isir qsim sabiex l-ilma jinzel fuq wara. L-attur spjegalu li l-konvenut kien ghamel ix-xoghol huwa stess u ghalkemm kien ghamlu hu, dan kien qed izomm l-ilma minhabba l-qlib. Qal li kull ma sar f'dan il-kaz kien li saret qoxra fuq dak li kien hemm, u ghalhekk b'dan ix-xoghol ma' setghax jinqaleb il-qlib li kien min-nofs ghal wara. Billi saret qoxra biss il-qlib ma kienx ser jinbidel. Fil-gallarija wkoll irrizultalu li ma kienx hemm kontrabejt. Ghalkemm il-konvenut lilu kien qallu li kien ghamel kontrabejt fil-gallarija. ikkonferma li dak li qaltlu l-mara ta' l-attur tikkonfaccia dak li kien qallu l-attur stess.

Rat is-sentenza taghha tal-15 ta' Frar, 2012 fejn **laqghet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenut ai termini tal-Artikolu 2153 tal-Kapitolu 16 u konsegwentement astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-kaz.**

Illi fit-22 ta' Frar, 2012 gie interpost appell mill-atturi Paul u Emanuela konjugi Sciberras liema appell gie deciz nhar it-8 ta' April, 2016 fejn dik l-Onorabbli Qorti ordnat :-

1. **Is-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza.**
2. **Tammetti l-ittra ufficcjali tal-1 ta' Dicembru 2006 bhala prova.**
3. **Taghti lill-konvenut Mizzi l-opportunita' li iressaq provi relatati man-notifika tal-ittra ufficcjali u ordnat li l-atti jintbaghtu lura quddiem l-ewwel Qorti sabiex tissokta bis-smiegh tal-kawza.**

Rat id-digriet taghha tat-18 ta' April, 2016 fejn ordnat li l-kawza tigi riappuntata.

Rat illi fis-seduta tat-28 ta' Gunju 2016 l-atturi iddikjaraw li ma kellhomx xhieda ohra xi jressqu fuq il-mertu.

Illi fl-14 ta' Dicembru, 2016 xehed **Noel Farrugia**. Dan qal li huwa jahdem fil-kostruzzjoni. Iddikjara li huwa jaf lis-sinjuri Sciberras ghax kien hadmilhom gewwa Hal-Ghaxaq flimkien mal-konvenut Carmelo Mizzi, fejn kienu ghamlu kontrabejt. Dan kien xi disa' snin ilu. Spjega li Sciberras kien sab lil Carmelo Mizzi u kien qallu b'dan ix-xoghol u Mizzi kien talab lilu biex jghinu u jahdmu mieghu. Mistoqsi jekk kienx hemm problemi fil-

process, qal li ma jidhirlux. Meta lestew ix-xoghol, is-sinjuri Sciberras dehru kuntenti bix-xoghol li sar.

Illi fil-31 ta' Jannar, 2017 xehed **Carmelo Mizzi** li ddikjara li lill-atturi jafhom peress li huma minn Hal-Ghaxaq bhalu. Sciberras kien talbu jaghmillu l-kontrabejt u effettivament kien ghamel xi xoghol ghand l-atturi ghalkemm illum l-indirizz insieh. Effettivament l-attur kien talbu jaghmillu bejt fuq iehor. Ix-xoghol kien ghamlu ma' haddiehor bi shab, ftiehmu prezz ghall-kontrabejt u biex fejn kien hemm il-katusi ezistenti ghamluh jaqleb. Qal li meta ftiehmu prezz, kien qablu li l-materjal kien ghalihom. Kienu huma li gabu l-konkos bir-*readymix*. Qal li tax-xoghol li ghamlu thallsu. L-attur kien maghhom mill-bidu sal-ahhar, il-gurnata kollha u sa fejn jaf hu dan kien kuntent, tant li hallashom. Il-ftehim li kellhom kien wiehed verbali u hu thallas meta l-flus kienu ghadhom Maltin.

Rat illi fis-seduta tat-22 ta Marzu 2017 l-konvenut iddikjara li ma kellux xhieda ohra xi iressaq fuq il-mertu.

Rat illi minkejja dak li ordnat il-Qorti ta' l-Appell u cioe' li kellha tigi inserita l-ittra ufficcjali ta' l-1 ta' Dicembru 2016 din baqghet ma gietx ipprezentata. Jinghad ukoll li minkejja li l-Qorti tal-Appell tat lill-konvenut l-opportunita' li jressaq provi relatati man-notifika tal-ittra ufficcjali dan ukoll ma sarx.

Il-Qorti pero' ghamlet it-tfittixija taghha ghal din l-ittra ufficcjali stante li dan hu dokument pubbliku u rrizultalha s-segwenti:

1. Illi l-attur Paul Sciberras u martu Emanuela kienu pprezentaw ittra ufficcjali nhar l-1 ta' Dicembru 2006 fir-Registru ta' din il-Qorti fejn kienu interpellaw lill-konvenut Carmelo Mizzi sabiex jirrimedja x-xoghlijiet li saru minnu peress li dawn saru mhux skond is-sengha u l-arti.
2. Illi jirrrizulta li din l-ittra ufficcjali giet notifikata lill-konvenut Carmelo Mizzi nhar is-6 ta' Dicembru 2006.

**Ikkunsidrat:**

Il-konvenut qieghed jeccepixxi l-preskrizzjoni tas-sentejn ai termini ta` l-**Art.2153 tal-Kap. 16** li jaqra hekk:

*L-azzjoni ghall-hlas tal-hsarat mhux ikkagunati b`reat taqa` bi preskrizzjoni bl-eghluq ta` sentejn.*

Dan l-artikolu li precedentement kien l-**Artikolu 2258** jirrigwarda danni derivanti minn htija jew "*culpa*" extra kontrattwali kif imsejha komunement "*Culpa Aquiliana*".

Din hija applikabbli ghal danni li jitnisslu minn delitti fis-sens civili u kwazi delitti. Skond il-gurisprudenza taghna din il-preskrizzjoni tibda tghaddi mill-jum li fih ikun gara l-fatt illecitu u minnha jidderiva d-dannu.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Mary Xuereb vs Nutar Emanuel Agius** deciza fil-31 ta Ottubru 1959 moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Imh. Dr. A. V. Camilleri) XLIII-II-789, rriteniet illi dawn id-danni li talvolta jistghu jigu reklamati a tenur ta' l-artikolu 2153 tal-Kap 16 ghandhom ikunu danni li

jirrizultaw minn htija ossia kolpa extra-kontrattwali u hu mehtieg li l-vjolazzjoni ma jkollhiex ebda rapport dirett mal-kuntratt pre-ezistenti.

"Fis-sentenza msemmija jinghad:

"*Illi skond il-gurisprudenza taghna, l-artikolu nvokat u l-preskrizzjoni opposta msemmija fih jirrigwardaw danni derivanti minn htija jew "culpa" extra-kontrattwali, jew, kif tissejjah komunement, "Culpa Aquiliana". Fi kliem iehor, hija applikabbli ghad-danni li jitnisslu minn delitti fis-sens civili u kwazi-delitti (ara Appell "**J. Camilleri vs Dr. Frendo**", 22 ta' Frar 1889; Vol. XII, pag. 144: Kummerc "**Calafato vs Muscat",** 5 ta' Frar 1893; Vol. XV pag. 44; P.A. Civili "**Similiana vs Fenech**", 14 ta' Frar 1900, Vol. XVII, p. 180; Appell "**Scicluna vs Trany**", 22 ta' Gunju 1900, Vol. XVI, P.I. pag. 151; Kummerc "**Attard vs Zerafa**", 24 ta' April 1906, Vol. XIX-III-106; Appell "**Dr. Buhagiar vs De Nicola"**, 30 ta' Jannar 1911, Vol. XXI-I529; Appell "**Dr. Galea Naudi vs Zammit**", 9 ta' Marzu 1925, Vol. XXVI-I-54; P.A. Civili "**Vella vs Fenech",** 7 ta' Dicembru 1927, Vol. XXVI-II-515; Appell "**Tonna vs Smith**", 7 ta' Novembru 1932, Vol. XXVIIII-I-726; u ohrajn*);

Illi jinghad ukoll li tant id-dottrina kemm il-gurisprudenza lokali stabbilew li din il-preskrizzjoni tibda tghaddi u timxi mill-jum li fih ikun gara l-fatt illecitu li minnu jidderiva d-dannu.

Hu stabbilit fil-gurisprudenza illi min iqajjem l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni jehtieglu jipprova l-perkors taz-zmien statutorju (Qorti tal-Appell – "**Holland noe vs Chetcuti**" – 25 ta` Frar 2000).

Sinjifikanti f`dan ir-rigward huwa dak li qalet din il-Qorti fis-sentenza taghha ta` l-4 ta` Dicembru 1987 fil-kawza "**Causon vs Sheibani noe**" –

"*Min jeccepixxi l-preskrizzjoni hu obbligat li jaghmel prova sodisfacenti tad-data meta l-perijodu tal-preskrizzjoni jibda jiddekorri ghaliex diversament il-Qorti qatt ma tkun f`posizzjoni li tikkonstata jekk ilperijodu applikabbli tal-preskrizzjoni jkunx iddekorra jew le".*

Illi huwa minnu dak li jinsab ritenut illi *"il rapport giuridico nasce appena sorga il vincolo creatore della obbligazione ; e lo stesso vincolo si considera effetuarsi quando vi è l`unione della proposta e della accettazione, perche in quell'momento si immedesimano in modo tale da creare il vincolo. L` offerta, pero`, perche possa produrre tale effetto così importante nel campo giuridico da costringere l` offerente alla precisa esecuzione della proposta da lui previamente fatta e in difetto, al risarcimento dei danni, deve essere precisa e determinate*" (ara Kollez. Vol. XXVIII.I.629).

Huwa principju tad-dritt illi d-data li taghti bidu ghall-preskrizzjoni hi determinabbli oggettivament u tibda tiddekorri mill-fatt tal-hsara (ara "**Scicluna vs Tracey**", deciza mill-Qorti tal-Appell fit-22 ta` Gunju, 1900 (Vol.XVII.I.151) u "**Caruana vs Runza**", deciza minn din il-Qorti fis-7 ta` Mejju, 1999).

It-terminu tal-preskrizzjoni jista` jkun sospiz fil-kaz biss li jkun hemm impediment ta` dritt jew cirkostanza li jahseb ghaliha l-**Art.2125**, pero` mhux minhabba impediment ta` fatt, u dan in omagg ghall-principju li *contra non valentum agere non currit praescriptio* (ara "**Attard vs Fenech**", deciza

mill-Qorti tal-Appell fit-12 ta` Frar, 1965, "**Xuereb vs Zammit**" [op. cit.] u "**Chircop vs Muscat**", deciza mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta` April, 2000).

L-awturi **Baudry-Lacantinerie** u **Tissier** (Trattato **Teorico-Pratico di Diritto Civile**: **Della Prescrizione** Cap XII, par 364 pag. 279.) jaffermaw illi:

"*Quanto alla prescrizione estintiva, il suo corso comincia in principio a partire dal giorno in cui e` nato il diritto o l`azione che e` destinata ad estinguere. . .*"

Izjed 'l quddiem (para. 393 bis, pag 306, op.cit.) jghidu hekk:

"*La prescrizione estintiva in materia di diritti eventuali non decorre evidentemente se non dopo il verificarsi dell`evento che fa nascere il diritto rimasto finallora puramente eventuale*"

Fil-kaz tal-lum, il-preskrizzjoni tas-sentejn bdiet tiskatta f'Awwissu 2005 meta in effetti l-konvenut flimkien mal-kjamat in kawza kienu ghamlu x-xoghol fuq il-bejt ta' l-atturi u dan meta skond l-attur kellhom jaqalghu l-kontra-bejt li kien hemm u jaghmlu iehor mill-gdid b'tali mod li l-ilma jibda jaqleb ghal gol bir. L-attur ighid a fol 24 li dan kien il-ftehim li kellu mal-konvenut u l-konvenut u l-kjamat in kawza ma qalawx il-kontra bejt biex jaghmlu iehor mill-gdid izda hadmu fuq dak li kien hemm bl-konsegwenza li l-ilma beda jaqleb 90% fil-bitha interna u l-kumplament biss gol bir. Jidher li fit-13 ta' Dicembru 2005 kien hemm maltempata kbira u l-ilma tal-bejt inqaleb ghal gol bitha bil-konsegwenza li kien hemm hafna ilma li dahal fid-dar u kkawza hafna hsarat fid-dar ta' l-atturi. Fis-27 ta' Settembru 2007, l-

attur ipprezenta l-kawza fejn *inter alia* talab lill-Qorti tordna lill-konvenut u l-kjamat in kawza jirrimedjaw ix-xoghlijiet li ghamlu li ma kienux skond is-sengha u l-arti u fin-nuqqas li tawtorizza lill-istess attur jaghmel dawk ix-xoghlijiet necessarji.

Jirrizulta ukoll li nhar l-1 ta' Dicembru 2006 l-attur kien ipprezenta ittra ufficcjali fil-konfront tal-konvenut biss u mhux fil-konront tal-kjamat in kawza in konnessjoni ma' din l-istess talba u din giet notifikata lill-istess konvenut nhar is-6 ta' Dicembru 2006. M'hemmx dubbju li l-ittra ufficcjali giet prezentata entro s-sentejn mill-interruzzjoni tal-preskrizzjoni u kienet segwita bil-kawza odjerna entro s-sentejn mill-prezentata ta' l-ittra ufficcjali. Illi id-data imsemmija mill-attur ai fini ta' meta tlesta ix-xoghol u ta' meta effettivament sehhet il-hsara li qed jirreklama l-attur mhux kontestata u ghalhekk jinghad bla tlaqliq li l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ma tirrizultax fil-konfront tal-konvenut Carmelo Mizzi.

Fis-sentenza **<u>Futura Home Appliances vs John Peresso</u>** deciza mill-Qorti ta' l-Appell Sede Inferjuri nhar is-16 ta' Marzu 2005 intqal illi:

"*Dwar l-ilment rigwardanti il-preskrizzjoni hu provdut bl-Artikolu 2111 tal-Kodici Civili illi l-Qorti ma tistax ex ufficcio taghti effett ghall preskrizzjoni jekk din ma tigix eccepita mill-parti interessata*." Dan id-dispost hu simili ghall-Artikolu 2938 tal-Kodici Civili Taljan li gie imfisser b'dan il-mod mill-Qorti tal-Kassazzjoni (Nru 3798 tas-16 ta' April 1999).

"*La generica proposizione dell'ccezzione di prescrizione da parte dell'interessato non autorizza il giudice ad individiuare d'ufficio il tipo concretamente applicabile, attesoche, da un conto, la presricione non e*

*rilevabile d'ufficio, dall'altro, il suo carettere disposittivo comporta,, per la parte che la propone, l'onore di tippizzarla second una delle varie ipotesi previste della legge, l'onere ciascuna delle quali sottesa a distinte situazioni sostaniali, sicche, in mancanza delle specifiche indicazioni difatto necessarie per rendere comprensibile ed individuabile l'uno o l'atro dei tipi legali, l'eccezzione medesima non puo che dichiarata inamissibile.*"

Din l-enuncjazzjoni tattalja mal-hsieb ragunat mill-Qrati taghna f'diversi sentenzi. Hekk insibu illi "*il-Qorti taht dawn ic-cirkostanzi, ma tistax tezamina din l-eccezzjoni, kif ma tistax tissupplixxi ghan-nuqqas tal-parti li teccepiha, minghajr ma tmur kontra d-disposizjoni espressa ta' l-Artikolu 2216, llum 2111 tal-Kodici Civili, kif kostantement interpretat mill-Qrati taghna"* (Kollez. Vol. XXX p 111 p 477; Vol. XXXV11 p11 p 630 u Vol. XL1 p1 p168);

Jinghad ghalhekk a bazi ta' dan l-istess insenjament li fir-rigward tal-kjamat in kawza din il-Qorti ma kellha l-ebda eccezzjoni f'dan ir-rigward u ghalhekk stante li dawn huma proceduri civili u ma tistax tissolleva eccezzjoni bhal din a sua sponte l-azzjoni lanqas ma hija preskritta fil-konfront tal-kjamat in kawza.

Din il-Qorti hija konsapevoli tal-fatt illi huwa principju tad-dritt illi l-preskrizzjoni ghandha tinghata interpretazzjoni restrittiva, u li f'kaz li jezisti dubbju dwar l-applikabilita` taz-zmien preskrittiv, dak id-dubbju ghandu jmur kontra min jeccepixxi l-preskrizzjoni ("**Alf Mizzi & Sons (Marketing) Limited vs Dismar Company Limited**" deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili presjeduta PA/JRM fit-12 ta` Ottubru 2004, u "**Ellul noe vs Vella noe**" deciza mill-Qorti tal-Appell fit-8 ta` Mejju 2001).

Illi fil-kaz odjern l-konvenut eccepixxa din l-preskrizzjoni ai termini tal-**Artikolu 2153 tal-Kapitolu 16** pero' ma ressaq l-ebda xhud sabiex jissostanzja din l-eccezzjoni u strieh fuq it-*time frames* moghtija mill-istess attur fix-xhieda li pproduca.

In vista tal-premess, din il-Qorti qeghda tichad l-eccezzjoni skond l-**Art.2153** tal-Kap.16.

Illi l-konvenut stqarr ukoll li l-attur ma ottemporax ruhu mal-artikolu 2130 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jiddisponi s-segwenti:

(1) "*Il-preskrizzjoni ma tinkisirx jekk in-notifika tal-att ma ssirx qabel ma jagħlaq xahar li għandu jibda jgħodd mill-aħħar jum taż-żmien li hemm għall-preskrizzjoni"*

Din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet **<u>Dr. Edward Woods noe vs David Jones et</u>** irriteniet hekk:

*"l-Artikolu 2130 tal-Kapitolu 16 ma hux applikabbli ghall-att tac-citazzjoni billli dan l-att jikkostitwixxi talba gudizzja ai termini ta' l-Artikoli 2131 u 2132 tal-Kodici Civili. Il-preskrizzjoni giet interrota appena saret it-talba gudizzjarja ta' l-attur bil-prezentata c-citazzjoni. L-Artikolu 2130 japplika meta si tratta ta' ittra ufficjali jew xi att gudizzarju iehor skond l-Artikolu 2128 li bih il-kreditur juri li bi hsiebu jzomm il-jedd tieghu ta' azzjoni fil-konfront tad-debitur*".

Illi mill-atti ma jirrizultax li n-notifika ta' l-att gudizzjarju u cioe' l-ittra ufficcjali saret tardiva u ghalhekk din l-eccezzjoni ukoll qed tigi rigettata.

**Dwar il-mertu.**

Il-konvenut jistqarr li x-xoghol in kwistjoni sar kollu skond is-sengha u l-arti skond id-direzzjoni u xewqat ta' l-attur u jikkonferma li fl-ebda hin ma kien negligenti fix-xoghol li ghamel.

Illi dwar il-mertu l-atturi kienu pprezentaw rapport tekniku mar-rikors promotur taghhom imhejji mill-Perit Mario Cassar nhar l-14 ta' Awwissu 2007, liema rapport jinsab esebit fl-atti a fol. 2 immarkat bhala Dok PS1. Illi skond dan ir-rapport ix-xoghol li sar mill-konvenut kien jikkonsisti f'kuntrabejt gdid mghoddi bil-power float, fuq dak ezistenti kif muri fid-Dok MC1, 2 3 u 4. L-arja superficcjali tal-kontrabejt kien ta' circa 133 metri kwadri. Ikkonferma li x-xoghol kien sar hazin u sabiex isir ix-xoghol reparatorju irid ikun hemm hemm tkissir tal-kontrabejt il-gdid, flimkien ma' dak l-antik, l-mghotija ta' kontrabejt gdid flimkien ma' qatran u *expansion joints* godda. Hija tal-fehma tieghu li dan ix-xoghol bil-prezz ta' dakinhar u cioe' fis-sena 2007 kien jammonta ghal madwar is-somma ta' Lm4,800 inkluza l-VAT.

Illi bid-digriet taghha tal-14 ta' April 2010 l-Qorti kienet innominat lill-Perit Simon Saliba sabiex jisma' lill-partijiiet, jigbor il-provi u jirrelata dwar it-talba rikorrenti u jiehu in konsiderazzjoni r-risposta tal-konvenut u tal-kjamat in kawza.

Illi nhar it-30 ta' Marzu, 2011 deher il-Perit Tekniku Simon Saliba u pprezenta r-relazzjoni tieghu u kkonferma li verament hemm hsara fil-proprjeta ta' l-atturi. Spjega li meta wiehed jikkunsidra t-tul tal-bejt li hu ta' madwar dsatax-il metru jinhtieg qlib iktar minn hames pulzieri. Normalment, metru qlib ghal kul 100 metru li tinhadem ghal madwar 9 pulizieri fuq tul ta' dsatax-il metru. Qal li ghad hemm l-umdu fis-soqfa tal-kmamar li jinstabu vicin ta' fejn jingabar l-ilma u ghalhekk dan jindika li l-ilma tax-xita qieghed izomm u wara jghaddi mill-qoxra tal-konkos ghall-gol kontra bejt l-antik. Ikkonferma ukoll li hemm l-umdu fis-soqfa taz-zewg gallarijiet li hemm fuq il-faccata u dan ghaliex ma hemmx kontra bejt.

Il-Perit kkonkluda li sabiex ma jibqax jidhol l-ilma fil-qoxra ezistenti u l-kontrabejt il-qadim jigi applikat '*membrane water proofing'* fuq il-wicc. L-istima tal-perit kienet sabiex dan ix-xoghol rimedjali fis-sena 2011 kien fl-ammont ta' €1,200 inkluz VAT.

In oltre zied jghid li sabiex il-qlib ta'dan il-bejt jifta ghal gewwa l-bitha ta' wara jkun hemm bzonn li tinqala kemm mill-qoxra u l-kontrabejt l-antk . Dan sabiex it-torba tkun tista tigi invellata bi qlib ghal gol bitha ta' wara fejn hemm il-bir. Wara li t-torba tigi nvellata tinghata qoxra konkos ta erba' pulzieri bhala wicc tal-bejt li jinkludi 'power float finish' u 'expanson joints' u l-Perit ta stima ta' dan ix-xoghol kollu ukoll ghas-sena 2011 ghal madwar €9,000 inkluz il-VAT. B'kollox ghalhekk ixxoghol reparatorju jammonta ghal ghaxart elef u mitejn ewro (€10,200).

Jirrizulta mill-provi li hemm zewg versjonijiet tal-fatti ta' effettivament x'kellhom jaghmlu l-konvenut u in segwitu l-kjamat in kawza u cioe' skond l-attur dawn kellhom jaghmlu kontra bejt gdid. L-attur jghid li kien talab lill-

konvenut sabiex jaqla' l-kontro-bejt li kien hemm, jaghmlu mill-gdid b'tali mod li l-ilma jibda' jaqleb ghal gol bir. Izda minnflok il-konvenut qala l-kontrabejt biex jaghmel xoghol gdid, il-konvenut hadem fuq dak li kien hemm bil-konsegwenza li l-ilma gie jaqleb 90 fil-mija fil-bitha interna u l-kumplament gol-bir. In oltre izid jghid li l-konvenut kien qala l-kontra-bejt tal-gallerija u din thalliet minghajr kontra-bejt b'tali mod u manjiera li biex imur fil-gallerija ikollu jinzel targa. Spjega li x-xoghol li kellu jaghmel il-konvenut kellu jinkludi ukoll il-formazzjoni ta' expansion joints fl-istess kontra-bejt liema xoghol ma sarx skond is-sengha u l-arti.

Minn naha l-ohra il-konvenut jghid fl-ewwel lok li ma kienx wahdu meta ghamel dan ix-xoghol izda ghamlu flimkien mal-kjamat in kawza Noel Farrugia. Fit-tieni lok ighid illi l-attur kien talbu sabiex jaghmel kontrabejt fuq il-bejt gja ezistenti u ghalhekk kienu tawh stima ghal dan ix-xoghol. Jghid li l-attur ma qallux bil-problemi li kellu u kien talbu sabiex jaghmel qoxra ma katusa li kien hemm. Qal li kien ilu jaghmel dan it-tip ta' xoghol ghal madwar tletin sena u hadd iktar ma kien talbu jaghmel dak li talbu jaghmel l-attur. Jghid li ma dehrlux li kellu jikkontradixxi lill-attur u jikkonferma li l-attur qatt ma talbu sabiex jaghmel kontrabejt gdid. Fir-rigward tal-gallerija jghid li ta kisja konkos fuq dak li kien hemm. Jichad li l-gallerija qieghda fuq il-gebel.

Dwar x'inhuma id-doveri u l-obbligi tal-appaltatur issir referenza ghas-sentenza li inghatat nhar il-25 ta' Jannar, 2011 fl-ismijiet **<u>Stivala Operations Limited vs Fithome Interiors Limited</u>** (Citazzjoni Numru. 503/2007) fejn dik il-Qorti irreferiet wkoll ghas-sentenza fl-ismijiet **<u>Proinvest Limited vs Giljan Agius</u>** (Appell 8 ta' Jannar 2010) fejn intqal:

"*hu dover tal-appaltatur li jippresta xoghol tajjeb indipendentament x'jikkonsilja jew ma jikkonsiljax is-sid. Intqal kemm il-darba li l-appaltatur li jesegwixxi hazin ix-xoghol li jifforma l-oggett tal-appalt huwa responsabbli ghad-dannu kollu li jigi minn dik l-ezukuzzjoni hazina. Dan hu hekk avoja jkun hemm l-approvazzjoni tax-xoghol jew l-appaltatur ikun mexa' skond l-ispecifikazzjonijiet jew istruzzjonijiet, anke espresso, moghtija mill-kommittent. L-appaltatur hu obbligat u hu dejjem responsabbli li jaghti lil min qabbdu opra sodisfacenti u ma jistax jallega li x-xoghol sar mhux sewwa ghax il-kommittent ma oggezzjonax ghal mod kif kien qed isir ix-xoghol. Fil-fatt intqal ukoll li l-hlas tal-prezz tal-appalt ma jfissirx necessarjament approvazzjoni tax-xoghol jekk dan fil-fatt jirrizulta difettuz.*"

Izzid li l-Qorti ta' l-Appell fil-kawza **Muscat vs Cuschieri** deciza fis-26 ta' Mejju 2006 qalet:

"*min jidhol biex jesegwixxi appalt irid jaghmel tajjeb anke ghall-bonta` tal-materjal li jforni inkluz li dan il-materjal ikun idoneju ghall-iskop li ghalih ser jintuza*".

Illi ghalhekk fi dawl ta' dan kollu jinghad li una volta l-konvenut li jghid li kien ilu jahdem dan ix-xoghol ghal tletin sena u li jghid li qatt ma kien ghamel dak it-tip ta' xoghol li gie allegatament mitlub jaghmel mill-attur messu kien jaf li x-xoghol li kien ser jippresta ma kienx ser ikun tas-sengha u l-arti kif del resto ikkonfermaw kemm il-perit ex-parte Mario Cassar kif ukoll dak nomiant mill-Qorti Simon Saliba. Il-konvenut u addirittura anke l-kjamat in kawza ma resqu l-ebda prova teknika sabiex jipprovaw li x-xoghol li sar minnhom sar skond is-sengha u l-arti.

**Ghaldaqstant din il-Qorti qieghda tilqa' it-talba attrici u dan billi qieghda tiddikjara lill-konvenut u kjamat in kawza responsabbli ghad-danni sofferti mill-atturi minhabba ix-xoghol hazin esegwit minnhom fil-proprjeta' tal-istess atturi u ghalhekk qieghda tikkundanna lill-konvenut u l-kjamat in kawza sabiex jaghmlu tajjeb ghal dawn id-danni sofferi mill-atturi billi tikkundanna lill-konvenut u l-kjamat in kawza sabiex jirrangaw l-hsarat sofferti mill-atturi kif propost mill-Perit Simon Saliba u dan fi zmien tlett xhur mil-lum u fin-nuqqas tikkundannhom sabiex in solidum ihallsu lill-atturi s-somma likwidata skond il-Perit Saliba fl-ammont ta' ghaxart elef u mitejn ewro (€10,200) rapprezentanti l-ispiza involuta sabiex dan ix-xoghol isir mill-atturi a spejjez tal-konvenut u kjamat in kawza.**

**Bl-ispejjez ta' dawn il-proceduri a karigu tal-konvenut u kjamat in kawza in solidum inkluz dawk ta' l-ittra ufficcjali tal-1 ta' Dicembru 2006. F'kaz li l-konvenut u l-kjamat in kawza m jaghmlux ix-xoghol reparatorju fiz-zmien lilhom moghti l-imghax fuq is-somma ta' ghaxart elef u mitejn ewro (€10,200) jibdew jiddekorru minn tlett xhur mil-lum.**

**Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D.**
**Magistrat**

**Deputat Registratur**